# L-ABITANTI TA' L-ISLA MEĦLUSA MILL-ĦLAS TAĊ-ĊNUS (1601–2001)

Kulħadd jaf bis-sehem sħiħ li kienu taw l-abitanti ta' l-Isla matul ix-xhur qliel ta' l-Assedju l-Kbir tas-sena 1565. Dan is-sehem ma tawħx biss l-irġiel li tqabdu spalla ma' spalla mal-Kavallieri ta' San Ġwann, imma saħansitra in-nisa u t-tfal, li minn fuq is-swar garaw ġebel, żejt u qatran jagħli, u ċ-ċrieki jaqbdu fuq l-għadu. Mat-tmiem ta' l-Assedju, il-Gran Mastru La Valette, onora l-Belt Senglea billi ta t-titlu ta' **Civitas Invicta – il-Belt Qatt Mirbuħa.**

Benefikat illi minnu gawdew l-abitanti ta' l-Isla, kien meta huma ġew meħlusa mill-piż taċ-ċnus li kienu obbligati jħallsu lill-Ordni fuq il-bini li kienu jokkupaw. Dan il-ħelsien mill-piż taċ-ċnus, kien ilu jintalab miċ-ċittadini Sengleani għal żmien twil. Imma qatt ma kien aċċettat. Imbagħad, meta fi Frar tas-sena 1601, kien qed jiltaqa' l-Kunsill Ġenerali ta' l-Ordni biex, fost affarijiet oħra, jagħżel il-Gran Mastru l-ġdid wara l-mewt tal-Gran Mastru Martin Garzes, nhar il-Ġimgħa 9 ta' Frar 1601, iddekreta l-ħelsien mill-piż taċ-ċnus fuq il-bini fl-Isla. Dan il-ġest għen ħafna biex is-Sengleani ta' dak iż-żmien setgħu jgħixu ħajja ftit aktar komda milli kienu jgħixu nies f'postijiet oħra.




Aktar tard, b'tifkira ta' din il-ġrajja, saret lapida bi stil dekorattiv, ma' wieħed mill-pilastri tal-Knisja. Fi żmien ir-rikostruzzjoni tal-knisja wara l-gwerra, din il-lapida kommemorattiva, tneħħiet minn mal-pilastru fejn kienet u tpoġġiet ma' ħajt fis-sakrestija ż-żgħira fejn għadha sal-lum.

Għalhekk din is-sena qed jitfakkar l-erba' mitt sena minn din il-ġrajja.

LIL ALLA WISQ TAJJEB U KBIR.
IL-BELT MHIX MIRBUĦA TA' SENGLEA
BI GRATITUDNI
POĠĠIET (DAN) IL-MONUMENT
FID-9 TA' FRAR, 1600 MIT-TWELID TA'KRISTU
LILL-WISQ DISTINT GRAN MASTRU TA' L-ORDNI ĠERUSALEMMITAN,
WISQ ĠENERUŻ LEJN IL-FIDI
U ĦALLÂS TAL-QAWWA FIL-GWERRA,
MINĦABBA LI L-POPLU KIEN ĠIE MEĦLUS MILL-PIŻ TAĊ-ĊENSIMENT,
B'DIGRIET TAL-KUNSILL SAGRU TA' L-ISTAT LI ĠIE PPUBBLIKAT,
FI ŻMIEN LI KIEN VAKANTI L-MAĠISTERJU.